MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Numru. 20/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Andreo Noel Zerafa bin Salvino u Lora nee' Xerri, imwieled fid-9 ta' Mejju, 1993 u residenti Brittany, Triq ta' Cordina, Ghajsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 56800(L)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Andreo Noel Zerafa li gie akkuzat talli nhar is-27 ta' Settembru, 2009 ghall-habta ta' 06:20hrs fl-inhawi maghrufa bhala Ta' Brieghen, limiti ta' Ghajsielem, Ghawdex;

1. ikkaccja jew ipprova jikkaccja b'arma tan-nar tal-marka Breda minghajr licenzja;
2. u aktar talli kellu taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond arma tan-nar jew munizzjon;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi mismugha, l-akkuzi jirrizultaw ampjament ippruvati, izda billi l-imputat kien taht l-eta' fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat, il-Qorti ser tiehu dana il-fattur in konsiderazzjoni meta tigi ghall-kalibrazzjoni tal-piena;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 5 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 4(1)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 u l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issibu hati u tikkundannah ammenda ta' hamsin ewro (€50);

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska tad-dokumenti A u B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------